Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Paul Camilleri]

vs

Robert Chetcuti

Kumpilazzjoni Numru: 321/2020

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Robert Chetcuti detentur tal-karta tal-identita' bin-nurmu 503874M akkuzat talli nhar it-12 ta' Dicembru

2017, ghall-habta tas-sitta ta' filghodu (06:00hrs) waqt li kien gewwa 120, Venera, Triq il-Liedna, Fgura:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' *Mary Gladys Chetcuti* skond kif iccertifikat minn Dr. Andre Mercieca bin-numru tar-registrazzjoni 3229; ksur tal-Artikoli 216(1)(b), 218(1)(b) u aggravat bi cirkostanzi skond kif imsemmija fl-Artikolu 222(1)(a) u l-artikolu 202(b)(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' *Joseph Chetcuti* skond kif iccertifikat minn Dr. Andre Mercieca bin-numru tar-registrazzjoni 3229; ksur tal-Artikoli 216(1)(d), 218(1)(a) u aggravat bi cirkostanzi skond kif imsemmija fl-Artikolu 222(1)(a) u l-artikolu 202(b),(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija li tohrog ordni ta' trattament, ghal beneficju ta' Robert Chetcuti, dan fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.**

**Il-Qorti finalment giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija Robert Chetcuti sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-atti kollha kif ukoll il-proces verbal bin-numru 861/19 esebit fl-atti kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat Robert Chetcuti u cioe`:

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii), (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Fl-artikolu 218(1)(a),(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 222(1)(a) u 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza, hekk kif xehed PS185 Roger Mifsud, titratta fuq allegat argument li nqala' bejn l-imputat u missieru fit-tnax (12) ta' Dicembru tal-elfejn u sbatax (2017) fejn meta mar fuq il-post tal-incident sab lil Gladys Chetcuti b'daqqa go nofs mohhha kif ukoll il-missier l-imputat u cioe' Joseph Chetcuti mixhut mal-art bid-demm hiereg minn halqu u anke qisu rawa wkoll. Cempel lill-

ambulanza u hadet liz-zewg vittmi l-isptar fejn fl-istess waqt saret tfittxija ghal Robert Chetcuti li ma kienx id-dar ghaliex kien telaq mill-post. Ix-xhud jghid illi sussegwentement kienu sabu lil Robert gewwa Triq Hompesch fejn dan kien aggressiv mal-pulizija u ghalhekk kellhom juzaw it-taser fejn imbaghad gie arrestat fuq li garrab griehi lill-genituri tieghu.

Xehdet omm l-akkuzat u cioe' Mary Gladys Chetcuti li ppremettiet illi hija ma riditx tixhed fil-konfront ta' binha, pero' qalet ukoll illi binha ma kienx ikkawzalha l-ebda griehi izda din kienet ghamlithom meta hija gebbdet lir-ragel taghha meta dan kien qed jargumenta ma' binha Robert fit-tarag. Hija tghid illi waqghet it-tarag b'hekk habtet mohhha ma' bicca ghamara li kienet f'dan it-tarag. Hija tghid illi binha Robert kien ihobb jorqod fil-kamra tal-bejt u tghid illi r-ragel taghha beda jisma' xi hsejjes fuq il-bejt u tela' ha jara. Tghid illi r-ragel taghha kien diga' rrabjat ghal Robert u ghalhekk hija telghet warajh. Tghid illi meta r-ragel fetah il-bieb tal-kamra tal-bejt, dan qabad lil Robert minn idejh it-tnejn u biex dan jevitah gholla jdejh 'il fuq bil-konsegwenza illi laqat lil missieru fuq nghasu. Hija tghid illi per konsegwenza ta' dan hija gebbdet lir-ragel taghha u peress li t-tnejn li huma kienu fit-tarag hija

gharblat lura u waqghet it-tarag. Hija tghid illi fl-istess hin rat lir-ragel taghha niezel izomm mal-hadid meta f'daqqa u l-hin ratu jitfixkel fl-ahhar zewg targiet u waqa' ghal rasu. Hija tghid illi per konsegwenza ta' tali incident hija ma ghadhiex issofri minn ebda konsegwenza fizika.

Inkontroezami x-xhud ikkonfermat li r-ragel taghha li llum jinsab mejjet kien wiehed nervuz hafna, fil-fatt it-tifel taghha Robert kien iddecieda li jibda jghix fil-kamra tal-bejt sabiex ikun kemxejn indipendenti u ma jkollux x'jaqsam hafna ma' missieru. Hija tghid ukoll illi xi daqqiet lilha kien itiha daqqiet ukoll anke quddiem it-tfal.

Fuq dakinhar tal-incident hija tghid illi meta rat lir-ragel taghha jitla' jigri fuq il-bejt u beda jhabbat il-firroll tal-bieb telghet tigri warajh u bdiet izzommu. Meta hareg Robert minn wara l-bieb, hija tghid illi dan kien rieqed u kien inhasad meta ra lil missieru hemm fuq. Missieru kien irrabjat ghalih ghaliex haseb li dan kien qed jaghmel il-hsejjes u ghalhekk hatfu minn idejh it-tnejn u meta Robert gholla jdejh sabiex jinheles minn missieru dan laqtu f'ghajnejh bil-konsegwenza li dan waqa' ghal fuqha u hija bdiet

tirrombla t-tarag. Hija tghid illi Robert ipprova jaqbadha izda ma rnexxielux. Hija tghid illi Robert, meta ra lilha tippanikkja tgerfex peress li dan kien ibati minn depressjoni u ghalhekk ir-reazzjoni tieghu kienet li jahrab.

Xehed ukoll **Dr. Andre Mercieca** li kkonferma li kien ezamina lil Joseph Chetcuti fit-tnax (12) ta' Dicembru elfejn u sbatax (2017) fejn dan kellu tbengila fin-naha tax-xellug ta' rasu madwar ghajnejh u kien fil-fatt fil-periklu tal-mewt. Dan kellu sinjali ta' remettar go halqu u ma kienx konxju daqs kemm kienu xtaquh. Jghid illi saritlu CT Scan f'rasu li rrizulta normali apparti t-tbengila fuq rasu, pero' deher li xhin irremetta aspira kontenuti tal-istess fil-pulmun. Dan irrizulta li kellu ossigenu baxx u ghalhekk kellhom ipogguh l-ITU minhabba l-fatt li kellu jigi ntubat. Huwa jghid illi lil Gladys Chetcuti ma kienx ezaminaha izda din giet ezaminata minn Dr. Kristy Tonna.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-Qorti f'dawn il-proceduri kellha l-possibilita' li tisma' kemm-il darba x-xhieda tal-parte civile Gladys Chetcuti li ghalkemm tat

verzjoni kemxejn differenti waqt l-inkjesta dan kien sforz ta' kemm kienet agitata u mfixkla. Illi sfortunatament il-parte civile l-iehor u cioe' missier l-imputat lahaq miet minhabba cirkostanzi estranei ghal dawn il-proceduri.

Illi mix-xhieda ta' Gladys Chetcuti, li din il-Qorti tqis bhala wahda veritjiera u li ghandha mis-sewwa, hareg in-natura kemxejn aggressiva tal-missier Joe Chetcuti li forsi kien dizilluz mill-passat kemxejn turbolenti tat-tifel tieghu l-imputat odjern u kien ghalhekk taqbizlu malajr meta jahseb li t-tifel tieghu rega' ghamel xi wahda.

Illi din il-Qorti hija per' konvinta li l-imputat Robert Chetcuti qatt ma kellu l-intenzjoni li jferi lill-genituri tieghu, b'mod partikolari lil ommu li jhobb hafna.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, kif fil-fatt kienet fil-proceduri bl-isem **Il-Pulizija v. Shaun Demicoli** (deciza minn din il-Qorti kif presjeduta liema sentenza ma gietx appellata mill Avukat Generali – Kump 229/14) li fil-kaz odjern kien hemm provokazzjoni da parti tal-vittma Joe Chetcuti bl-atteggjament

aggressiv tieghu u reazzjoni ta' difiza legittima da parti tal-imputat li nhasad meta beda jisma' hsejjes meta huwa kien rieqed fis-sighat bikrin ta' filghodu. Certament l-imputat Robert Chetcuti ma kienx qed janticipa l-atteggjament ta' missieru li hatfu minn idejh bis-sahha.

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li:

> "Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta*

*dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti:

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must*

*be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi fil-kaz in ezami ma hemmx dubju li l-imputat ma setax janticipa l-periklu, u li dan il-periklu kien imminenti u l-agir tal-imputat kien propju wiehed instantanju. Minkejja dan hemm ukoll l-element tal-proporzjonalita'; mhuwiex bizzejjed li l-minaccja tkun gravi, ingusta u inevitabbli; huwa wkoll necessarju li r-reazzjoni tal-akkuzat tkun proporzjonata.

Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti</u>** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa</u>**, fejn inghad illi:

*"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi,*

*tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Dan gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija v. Karmenu Cutajar**, fejn f'seduta tal-4 ta' Frar, 2003, il-Qorti ddeskriviet dawn l-elementi neccessarji tal-legittima difiza billi qalet hekk:

*"Hsara hi meqjusa li tkun gravi jekk tkun diretta lejn l-inkolumita` personali ta' dak li jkun, jigifieri jekk dak li jkun (u li allura jagixxi biex jeddefendi lilu nnifsu jew lil haddiehor billi jipprova jevita dik il-hsara) jirravviza offiza fuq il-persuna tieghu jew ta' haddiehor gejja mill-persuna li kontra taghha jagixxi. Il-hsara, pero`, trid tkun ukoll inevitabbli, fis-sens li tkun attwali (jigifieri ta' dak il-hin stess, mhux semplici minacca ta' xi haga fil-futur), improvvisa u impreveduta, u li ma tkunx tista' tigi ragjonevolment evitata b'xi mod iehor hlief billi dak li jkun jikkaguna l-offiza fuq il-persuna ta' l-aggressur jew*

*joqtlu. Fl-ahhar nett, il-hsara tkun ingusta jekk ma tkunx ordnata jew permessa "mil-ligi jew mill-awtorita` legittima". Jehtieg finalment li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-perikolu ravvizat u l-mezz adoperat biex jigi evitat dak il perikolu.''*

Illi minn ezami approfondit tar-rapporti peritali esebiti fl-atti processwali jidher car li l-imputat mar ftit oltre dak permess mil-Ligi meta ddefenda lilu nnifsu tenut kont illi huwa persuna kbira u relattivament zghira meta missieru kien persuna avvanzata fiz-zmien u meta dan l-incident kollu sar fuq xifer tarag.

Illi pero' dan l-argument ma japplikax ghall-feriti subiti mill-omm Gladys Chetcuti u dan ghaliex l-imputat qatt ma mess lilha u din waqghet b'konsegwenza li r-ragel taghha Joe Chetcuti waqa' ghal fuqha meta hija kienet qed tigbdu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216(1)(d), 218(1)(a), 222(1)(a) u 202(h)(iii), 227(d) u 230(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Robert Chetcuti** hati biss tat-tieni (2)

akkuza kif dedotta kontrih izda tilliberah minn kull piena, filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza stante li ma gietx ippruvata.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Robert Chetcuti** jhallas l-ammont ta' hames mija u disgha u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€579.55c) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti mill-Inkjesta dwar dan l-incident.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**